REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1416

tal-20 ta' Awwissu 2015

dwar l-awtorizzazzjoni tal-bisulfat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni.

(2) L-użu tal-bisulfat tas-sodju kien awtorizzat għal għaxar snin għal annimali domestiċi u annimali oħra li ma jipproduċux ikel bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 136/2012 ([2]).

(3) B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-bisulfat tas-sodju. Ma' din l-applikazzjoni ntbagħtu wkoll id-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-bisulfat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, biex jiġi kklassifikat fil-kategoriji tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".

(5) Fl-opinjoni tagħha tal-11 ta' Ottubru 2011 ([3]) u tat-22 ta' Mejju 2014 ([4]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, il-bisulfat tas-sodju ma għandux effett ħażin fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent u l-użu tiegħu jista' jitqies effikaċi bħala preservattiv u regolatur tal-aċidità għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. L-Awtorità vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf, li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Il-valutazzjoni tal-bisulfat tas-sodju turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif inhu speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sustanza speċifikata fl-Anness I, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "preservattivi" hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 136/2012 tas-16 ta' Frar 2012 rigward l-awtorizzazzjoni ta' bisulfat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-annimali domestiċi u annimali oħra li ma jipproduċux ikel (ĠU L 46, 17.2.2012, p. 33).
([3]) *EFSA Journal* 2011; 9(11):2415.
([4]) *EFSA Journal* 2014; 12(6):3731.

Artikolu 2

Is-sustanza speċifikata fl-Anness II, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "regolatur tal-aċidità", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali bil-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formola kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija tal-addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: preservattivi									
1j514ii	—	Bisulfat tas-sodju.	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Bisulfat tas-sodju: ≥ 95,2 % *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Bisulfat tas-sodju CAS Nru 7681-38-1 $NaHSO_4$ Na 19,15 % SO_4 80,01 % Prodott b'sinteżi kimika *Metodu ta' analiżi* [1] Determinazzjoni tas-sulfat tal-idroġenu tas-sodju fl-addittivi tal-għalf: metodu titrimetriku bbażat fuq id-determinazzjoni ta' aċidità totali li tinħall ta' bisulfat tas-sodju meta mqabbla ma' soluzzjoni standard tal-idrossidu tas-sodju.	Kull speċi tal-annimali għajr qtates u l-mink	—	—	4 000	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura għall-ħżin, iż-żmien tal-ħżin u l-istabbiltà waqt it-tgerbib. 2. Għas-sikurezza: protezzjoni għan-nifs, protezzjoni għall-għajnejn u ingwanti għandhom jintużaw waqt l-immaniġġar. 3. Il-kontenut totali ta' bisulfat tas-sodju ma jridx jaqbeż il-livelli massimi permessi fl-għalf sħiħ stabbiliti għal kull speċi relevanti.	l-10 ta' Settembru 2025
				Qtates			20 000		
				Mink			10 000		

[1] Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fuq l-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

ANNESS II

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formola kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija tal-addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: regolaturi tal-aċidità									
1j514ii	—	Bisulfat tas-sodju.	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Bisulfat tas-sodju: ≥ 95,2 % *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Bisulfat tas-sodju CAS Nru 7681-38-1 $NaHSO_4$ Na 19,15 % SO_4 80,01 % Prodott b'sinteżi kimika *Metodu ta' analiżi* [1] Determinazzjoni tas-sulfat tal-idroġenu tas-sodju fl-addittivi tal-għalf: metodu titrimetriku bbażat fuq id-determinazzjoni ta' aċidità totali li tinħall ta' bisulfat tas-sodju meta mqabbla ma' soluzzjoni standard tal-idrossidu tas-sodju.	L-ispeċi tal-annimali kollha għajr il-qtates, il-mink, annimali domestiċi u annimali oħra li ma jipproduċux ikel	—	—	4 000	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura għall-ħżin, iż-żmien tal-ħżin u l-istabbiltà waqt it-tgerbib. 2. Għas-sikurezza: protezzjoni għan-nifs, protezzjoni għall-għajnejn u ingwanti għandhom jintużaw waqt l-immaniġġar. 3. Il-kontenut totali ta' bisulfat tas-sodju ma jridx jaqbeż il-livelli massimi permessi fl-għalf sħiħ stabbiliti għal kull speċi relevanti.	l-10 ta' Settembru 2025

[1] Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fuq l-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports